**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 43 / 2022**

**Il- Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**-vs-**

**Justin Mallia**

Illum 8 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Justin Mallia detentur tal-karta tal-identita' numru 144698 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fl-4 ta' Lulju, 2016, f'xi hin wara nofsinhar ikkommetta serq minn Forestals Matrix, The Point, Sliema, ta' diversi oggetti elettronici liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda mhux l-€2329.37 u dan bi ksur tal-Artikoli 261 (c), 267, 270 u 279 (a) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-12 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267

u 279(a) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti sabet lil Justin Mallia, fuq l-ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih.

Kwantu ghall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodici Kriminali qeghdha tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija izda tordna li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn snin mill-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem car u li jinftiehem lill-hati r-responsabbilita tieghu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali fil-kaz li huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat in-nota tad-denunzja tal-Probation Officer Svetlana Bezzina pprezentata fis-6 t' Awwissu, 2018, fil-konfront ta' Kyle Mifsud.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tal-31 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28G(9) u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll is-sentenza moghtija fil-konfront tad-denunzjat Justin Mallia tat-12 ta' April 2017, trattat ma' Justin Mallia ghar-reati li taghhom instab hati fl-imsemmija sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, ordnat li jitqieghed fis-sehh u jigi rez operattiv it-terminu ta' seba (7) xhur prigunerija li kienu gew sospizi fis-sentenza tal-12 ta' April, 2017, minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex b'hekk l-imputat ghandu jiskonta l-istess terminu ta' prigunerija b'mod effettiv.

Il-Qorti rakomandat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex Justin Mallia jinghata l-ghajnuna kollha biex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni u dan dejjem skond ir-regolamenti tal-habs.

Inoltre, din il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.

Rat ir-rikors tal-appellanti Justin Mallia minnu pprezentat tas-17 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata billi **TIDDIKJARA** li l-istess sentenza hija nulla, u b'hekk **TORDNA** illi l-atti kollha ghandhom jergghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa' din it-talba, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. Illi, preliminarjament umilment jigi sottomess illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti **<u>hija irrita u nulla in kwantu nghatat f'data differenti minn dik indikata fl-istess sentenza;</u>**

B. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, **<u>il-piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex il-piena fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva</u>**;

**A. <u>In-nullita` tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti</u>**

Illi jidher car lis-sentenza dattilografata ufficjali fl-atti iggib zewg dati u cioe d-data tal-31 ta' Jannar 2022 u dik tat-13 ta' Jannar 2022. Mill-verbal però jirrizulta lis-sentenza f'dan il-kaz kellha tinghata fil-31 ta' Jannar 2022. Jigifieri d-data fis-sentenza dattilografata hi zbaljata. Illi ghalhekk jigi umilment sottomess illi ghalkemm is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tghid cara "**<u>moghtija illum nhar it-13 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta</u>**," effetivament din hija nulla in kwantu li hija inghatat f'data diversa minn dik indikata fl-istess sentenza.

**<u>Illi huwa ormai stabbilit mill-gurisprudenza nostrana illi tali zball igib in-nullita` tas-sentenza appellata;</u>**

L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti nhar il-25 ta' Marzu 2010 per l-Onorevoli Imhallef Michael Mallia fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ismail Guclu fejn hemmhekk intqal hekk:

*That the appellant brought to the attention of the Court that the judgement found in the records of the case dated 16th September 2009 is not the original judgement once according to the minutes of the sitting of the 17th September 2009 judgement was pronounced on that date and not the day before.*

…

*That it is manifestly clear that the date on the official copy of the first judgement is incorrect in so much that it should have read the 17th of September 2009 and not 16th of September 2009. It therefore disposes of this appeal by declaring the appealed judgement null and void because of the mistaken date of delivery and consequently orders that the records of proceedings be sent back to the First Court for judgement to be delivered with the correct date of its pronouncement.*

Illi l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Charlot Borg** deciza nhar il-5 ta' Ottubru tas-sena 2016 per l-Onor. Imhallef David Scicluna qalet hekk

*F'dar-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-26 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v. James Camilleri u ghas-sentenza moghtija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Ismail Guclu fejn is- sentenzi appellati kellhom data zbaljata u gew annullati u rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza bid-data korretta.*

L-appellant jirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Paul Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Marzu tas-sena 2013 fejn il-Qorti wkoll annullat is-sentenza appellata meta d-data ta' meta inghatat is-sentenza kienet differenti minn dik kif indikata.

Stabbilit ghalhekk dan il-punt jirrizulta ampju u car illi id-data li ggib is-sentenza appellata hija wahda zbaljata u dan il-fatt necessarjament igib in-nullita` tas-sentenza appellata. Ghalhekk l-appellant qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti minn issa tiddikjara s-sentenza nulla u tghaddi biex tirrimmetti l-atti lura sabiex huwa ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppio esame.

Illi in oltre, jigi rilevat, illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla wkoll peress illi l-Ewwel Qorti ddikjarat illi "*qed titratta ma' Justin Mallia li taghhom instab hati fl-imsemmija sentenza daqslikieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati*" illi, din id-dikjarazjoni ma setghetx tigi maghmula mill-Ewwel Qorti stante lil-ligi hija cara u tistupla biss illi f'kaz ta' ksur ta' ordni ta' supervizjoni, il-Qorti tista' biss "*tordna li s-sentenza sospiza moghtija filprocedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-supervizjoni tibda ssehh jew, minghajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni, twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94).*"

### C. <u>Il-Piena Erogata</u>

Illi fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi dan l-umli appell ma huwiex fuq il-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u/jew tal-Ligi, izda huwa primarjament u principarjament rigward il-fatt illi l-piena ta' prigunerija bl-ebda mod ma hija ser tghin lill-esponent appellant. Probabilment, din is-sentenza, u cioe' il-piena karcerarja ghal perjodu ta' seba' xhur iktar ser idahhal lill-esponenti appellanti fi problemi peress illi l-istess appellanti ghandu bzonn ikompli juza' l-ghajnuna professjonali b'kura appozita kontra l-vizzju tad-droga sabiex dana jkun jista` jirriforma ruhu u jistrada hajtu fit-triq it-tajba sabiex kemm jista` jkun huwa jirriabilita` ruhu u jzomm 'il boghod mill-vizzju tad-droga. Illi dan kollu qed jinghad in vista tal-fatt illi l-appellant ghadu persuna zghira hafna u ghalhekk ghad ghandu cans jirriforma ruhu u zgur illi perjodu ta' habs jimpingi negattivament ferm fuq il-kumplament ta' hajtu.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent u fid-dawl tal-problemi li qieghed jiggieled l-istess esponent, u cioe' l-problema tad-droga bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti tal-

Magistrati kienet harxa wisq meta ddecidiet illi tikkundanna lill-eponent appellant il-piena ta' seba xhur prigunerija meta setghet taghat amenda.

Illi jibda biex jigi rilevat illi matul din id-denunzja, inbiddlu ripetutament l-Ufficjali tal-Probation li kienu qeghdin isegwu lid-denunzjant, b'dana li l-ahhar ufficjal u cioe Dorian Cornelius xehed nhar it-13 t' Ottubru 2020 b'mod pozittiv fuq id-denunzjant.

Huwa stqarr:

*"dejjem irrispondini u kellimni. Issa fis-sittax ta' April elfejn u ghoxrin u beda jigi segwit mill-Key Worker tas-Sedqa emm fil-bidu l-istess is-sessjonijiet bdew isiru permezz tat-telefown izda fil-hdax ta' Gunju dawn is-sessjonijiet bdew isiru one to one. Minn informazzjoni migbura jidher li Justin attenda ghall-appuntamenti moghtija kollha lilu mal-Key Worker. Emm bejn it-tmintax ta' Frar u l-hamsa ta' Ottubru ta' din is-sena Justin inghata tmien appuntamenti fejn hu attenda ghal sebgha u dak l-appuntament li falla kien cempilli minhabba x-xoghol. Emm testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Awwissu elfejn u ghoxrin u d-dishga u ghoxrin ta' Settembru elfejn u ghoxrin irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti tal-kannabis, eroina, kokaina u amfetamina."*

*"Jigifieri s'issa sejjer tajjeb hdejn li konna."*[1]

Illi dakinhar kienet l-Ewwel Qorti stess li fahhret dan l-agir u meta indirizzat lill-appellant, kienet qaltlu hekk:

*"Kompli ghaddej bil-progress li ghandek mal-Ufficjal tal-Probation… Prosit insomma tal-progress."*[2]

*"Vera sodisfazzjoni tisma' hekk imma l-ikbar sodisfazzjoni ghalik zgur. So keep*

---

[1] A fol.49-50 tal-Atti Processwali
[2] A fol. 50 tal-atti processwali

***it up.***"[3]

Illi, di piu`, meta gie esebit ir-rapport datat 15 ta' Jannar 2021 mmarkat bhala DOK DC1 a fol. 53 tal-atti processwali dan ukoll kien wiehed pozittiv:

"***Minn Gunju 2020, il-kuntatt ma' Justin Mallia kien wiehed regolari hafna***."

"***Matul l-kuntatt li kellna flimkien, deher car jidher b'mod car hafna lis-sitwazzjoni tal-uzu fil-konfront ta' Justin huwa wiehed ikkontrollat hafna. Minn naha tieghu, matul dawn is-sezzjonijiet deher car hafna li Justin hadem hafna fuq is-sitwazzjonijiet tieghu rigward uzu ta' sustanzi u anke stil ta' hajja generali, u jidher b'mod car hafna li l-klijent ghamel progress fuq dawn l-aspetti. Bhala persuna, Justin huwa konxju hafna tal-affarijiet li jrid joqghod attent minnhom u huwa qieghed jzomm impjeg stabbli hafna***."

Illi l-istess ufficjal tal-Probation rega' ddepona nhar it-22 ta' Gunju 2021, meta mistoqsi mill-Qorti l-istabbilita f'hajtu kif inhi huwa wiegeb bla tlaqliq "**Jidher li pjuttost sejjer tajeb**."[4]

Illi f'dan l-isfond minkejja li fil-mori tad-denunzja huwa mhux dejjem kien sejjer tajjeb, jidher car illi kienet il-Qorti stess li applawdiet il-progress tieghu seduta stante. Illi ghalhekk l-appellant umilment jissottometti illi ma jaqbilx mar-ragunar li uzat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta din qalet:

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher car li l-ghan ta'l-Ordni tas-Supervizjoni mhux qed jintlahaq u jehtieg li jittiehdu mizuri differenti fil-konfront ta' Justin Mallia. Din il-Qorti, ghalhekk tqis li dan huwa kaz li d-denunzjat ma jridx jilqa' l-ghajnuna li huwa nghata minn din il-Qorti bis-sentenza tat-12 ta' April u 2017 u huwa ghalhekk kaz li jehtieg mizuri serji u mhux semplicement kundanna ta' ammenda ta' massimu ta'*

[3] A fol. 50 tal-atti processwali
[4] A fol. 60 tal-atti processwali

*€232.94.*

Illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti kienet originarjament erogat sentenza sospiza u ghaldaqstant **<u>HUWA EVIDENTI L-FATT ILLI L-EWWEL QORTI KIENET RAT XAQQ TA' DAWL FL-ESPONENT,</u>** dak iz-zmien akkuzat. Perjodu qasir hazin ma ghandhux jarmi l-progress kollu illi kien ghamel l-appellant; anzi s-sitwazzjoni, bir-rispett kollu se tkompli tgharraq lill-esponent appellant jekk dan jigi ikkundannat jiskonta piena karcerarja. Il-piena karcerarja ta' seba' xhur ma hi bl-ebda mod ser taghti taghlima lill-appellant u wisq anqas ma hi ser tghinu jeghleb il-vizzju illi ghandu meta wiehed iqis l-avvanzi illi huwa ghamel sabiex jaghti kampjuni tal-urina li kienu negattivi ghas-sustanzi u kif ukoll sabiex isib impjieg.

Sabiex wiehed jitghallem mill-izbalji illi jkun wettaq ma hux necessarju illi jinghata piena karcerarja, izda kif ghamlet originarjament l-Ewwel Qorti hemm pieni alternattivi illi jistaw ikunu ta' ghajnuna ghad-delikwent. Illum il-gurnata il-Qrati Maltin qeghdin ikunu motivati sabiex jezercitaw pieni alternattivi minn dawk karcerarji u dan stante' illi mill-gurisprudenza lokali huwa car illi l-Qrati Lokali qeghdin jaccennaw ghall-bzonn ta' sistema restorattiva u mhux dik retributtiva.

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:
*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. [...] ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza .. tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni*

*bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

F'dan l-istadju l-appellant ser jaghmel referenza ghal sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, wkoll nghataw opportunita' ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

*'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fid- disgha (9) ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet il-Pulizija V. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders"zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna 'a window of opportunity' li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Tristan Falzon,** moghtija mill-Qorti Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), il-Qorti Kriminali kienet geddet l-perjodu ta' Probation illi kien inghata originarjament

Falzon mill-Ewwel Qorti qabel ma kien denunzjat mill-Ufficjal tal-Probation, bhal kaz odjern. Dakinhar il-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-appellant kellu jinghata l-ahhar cans sabiex jirriforma lilu nnifsu, u dan wara illi l-istess Qorti kienet tenniet is-segwenti:

*Il-Qorti thoss illi forsi huwa l-kaz illi d-denunzjant jinghata opportunita' ohra sabiex bl-ghajnuna ta' l-Ufficjali tal-Probation, Community Workers u l-genituri tieghu jvinci din il-problema u jista' jkompli b'din l-istorja ta' success illi huwa beda. Ma hemmx dubbju pero' illi d-denunzjant irid jaghmel il-parti tieghu u hawn hekk il-Qorti theggeg lill-istess denunzjant sabiex jifhem ir-responsabbilta' li ghandu f'dan l-isforz illi kullhadd qieghed jaghmel biex jiddiregieh fit-triq it-tajba. Minkejja l-isorfzi ta' kullhadd, jekk id-denunzjant jibqa ma jikkoperax kollox ikun ghalxejn u ma jkunx hemm ghazla ohra hlief illi din il-Qorti jkollha timponi l-piena ta' habs illi originaljament kien suggett ghaliha l-istess denunzjant. Ordni ta' Probation ma tinghatax b'kapricc izda 'l ghaliex il-Qorti tkun rat xaqq ta' dawl jew ta' tama fil-persuna kkoncernata illi jkun ahjar illi dan id-dawl jigi sfruttat milli jintbaghat fid-dlam tal-habs. Dan huwa propju illi din il-Qorti trid taghmel illi tipprovdi opportunita' ohra lid-denunzjant sabiex jerga jirkupra mid-diffikultajiet li ghandu, jinfacca l-hajja kif inhi u jintegra ruhu fis-socjeta'.*

**<u>Konkluzzjoni</u>**

Illi fil-kaz odjern, l-esponent ghandu jinghata cans iehor minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jqum fuq saqajh, ikompli fit-triq it-tajba u jintegra fis-socjeta' u dan minghajr ma jinghata piena karcerarja. Din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun motivata illi taghmel dan permezz tax-xaqq ta' dawl illi baqa' illi l-appellant jirriforma ruhu u b'hekk ma tkunx inhliet l-unika opportunita' illi jkun fadal li tigi ezercitata. B'hekk, jekk ma tinghatax piena karcerarja, izda piena alternattiva, fil-kaz odjern din l-Onorabbli Qorti tkun ghamlet minn kollox sabiex l-esponent ikun jista' jindirizza l-problema tad-droga, u mhux tkun intremiet opportunita' disponibbli. Fil-kaz odjern din l-Onorabbli Qorti ghanda tkun motivata sabiex

timplika sistema restorattiva u mhux sistema retributtiva, u ghaldaqstant l-esponent appellant ma ghandux jigi ikkundannat jiskonta piena karcerarja izda ghandu jinghata piena alternattiva sabiex ikun motivat jirriforma hajtu u dan fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ghadu persuna pjuttost ta' eta zghira.

Semghet lil-partijiet jitrattaw il-kaz limitatament dwar l-eccezzjoni tan-nullita sollevata mid-difiza u dan ghaliex is-sentenza li nghata mill-ewwel Qorti ghandha zewg dati.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza titratta dwar l-eccezzjoni sollevata mid-difiza li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla u dan ghaliex ghandha zewg dati registrati. Hemm id-data tat-13 ta' Jannar 2022 li tidher fuq il-kopja tas-sentenza esebita mid-difiza fuq il-parti warrani taghha qabel il-firma tal-Magistrat u fil-parti ta' quddiem taht isem il-Magistrat hemm indikat data differenti u cioe nhar il-31 ta' Jannar 2022.

Jidher ukoll li fil-kopja li hemm esebita l-Qorti li giet esebita flimkien mal-process meta gie intavolat ukoll hemm zewg dati, hemm id-data tat-13 ta' Jannar, 2022 fuq il-parti ta' wara u tispjega li tali data saret bhala korrezzjoni wara li d-deputat registratur tal-Qorti Lorianne Spiteri indunat b'dan l-izball.

Ghalhekk dak li qed jistqarr l-Avukat difensur Dr. Franco Debobo u cioe li hemm zewg dati fuq l-istess sentenza huwa minnu minn ezami ta' l-istess sentenza.

Din il-Qorti semghet lill-Ufficjal tal-Qorti nhar it-30 ta' Gunju 2022 Lorianne Spiteri u din spjegat li in effetti hija tokkupa l-kariga ta' deputat registratur fil-Qorti tal-Magistrati li tippresjedi l-Magistrat Dr. Nadine Lia. Murija s-sentenza

esebita fl-atti a fol. 79 et seq tghid li kienet hi li ghamlet il-korrezzjoni fuq il-parti ta' wara din is-sentenza u cioe li hi bidlet id-data mit-13 ta' Jannar ghall-31 ta' Jannar 2022 u dan wara li gharfet il-firma taghha.

Mistoqsija jekk ghamlitx din il-korrezzjoni qabel ma nghatat is-sentenza jew wara tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk fil-fatt kienitx anke sahansitra irregistrat din is-sentenza fil-LECAM system b'zewg dati tghid li jista jkun. Mistoqsija jekk il-korrezzjoni saritx wara li kien induna biha l-avukat difensur tal-akkuzat tghid li setgha kien il-kaz u ghalhekk li tali korrezzjoni saret wara li kien gie intavolat dan l-appell. Tghid li qatt ma saret korrezzjoni fil-kompjuter fejn kienet 'saved' is-sentenza.

Fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs. Aryna Zrakava</u>** deċiża nhar l-10 ta' Diċembru 2019 din il-Qorti stqarret li hija s-sentenza fil-forma stampata, li tkun tinsab fil-proċess, u debitament iffirmata mill-Maġistrat li jkun pronunzjaha, li għandha tkun ritenuta dik li toħloq stat fil-konfront ta' terzi filwaqt li dak li wieħed isib miktub mill-Maġistrat fuq il-komparixxi jew fuq dokument ieħor għandhom jiġu ritenuti bħala li huma l-appunti tal-Maġistrat li jkun niżżel matul id-dibattitu tal-kawża u dawn ma jistgħux jitqiesu li jifformaw is-sentenza vera u proprja tal-Qorti tal-Maġistrati.

lli din il-Qorti taghmel refernza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti **<u>Il-Pulizija vs Joseph Mifsud</u>** [5] fejn ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-imijiet **<u>il-Pulizija vs Peter Axisa</u>**[6] fejn il-fatti tal-kaz kienu kon simili fis-sens li dik il-Qorti osservat illi s-sentenza appellata iggib id-data tal-10 ta' Dicembru, 2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konkluzi sa mill-10 ta' Dicembru 2015 u f'dik il-kawza fejn

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it- 3 ta' Dicembru 2019
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2017

kien hemm data hazina fis-sentenza l-Qorti ghaddiet biex tilqa' l-aggravju ta' nullita u annullat is-sentenza moghtija.

Illi fil-kaz odjern kif onestament xehdet Lorianne Spiteri ma jirrizultax jekk il-korrezzjoni saret qabel ma inghatat is-sentenza jew wara li inghatat. Anzi sicome is-sinjorina Spiteri qalet li fil-komjuter is-sentenza ghadha saved b'zewg dati il-probabilita hi li l-korrezzjoni fuq is-sentenza esebita f'dawn l-atti saret wara li gie intavolat ir-rikors ta' l-appell ta' Dr. Franco Debono.

Illi a bazi ta' dan l insenjament din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza ukoll nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli ghall-validita' taghha.

Tordna ghalhekk wara li qed tiddikjara is-sentenza nulla u bla effett li l-atti tal-kawza jintbghatu lil Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ma tipprivax id-dritt ta' doppio esame lill-appellanti u dan sabiex jigi gudikat mill-gdid.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Adrian Micallef
Deputat Registratur